32005D0653

17.9.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 241/57

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ DARFUR/1/2005 tad-29 ta' Lulju 2005 li taħtar Konsulent Militari għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan

(2005/653/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' sostenn ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/556/PESK li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għas-Sudan [2]

(2) L-EUSR jiżgura l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-kontributi ta' l-UE lill-AMIS. Taħt l- awtorità ta' l-EUSR, Ċellula ta' Koordinazzjoni ta' l-UE f'Addis Ababa (ACC), li tinkludi konsulent politiku, konsulent militari u konsulent tal-pulizija, tamministra l-koordinazzjoni ta' kuljum ma' l-atturi rilevanti kollha ta' l-UE u maċ-Ċentru ta' Kontroll Amministrattiv u ta' Maniġġar (ACMC) fil-katina ta' kmand ta' l-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa sabiex jiġu żgurati l-koerenza u s-sostenn tempestiv ta' l-UE lill-AMIS II.

(3) Il-Konsulent Militari ta' l-EUSR jgħin sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-komponent militari ta' l-azzjoni ta' sostenn ta' l-UE f'Addis Ababa u huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-koordinament ta' kuljum tal-komponent militari ta' l-azzjoni ta' sostenn ta' l-UE ma' l-ACMC.

(4) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, wara r-rakkomandazzjoni mill-EUSR, ippropona li l-Kurunell Philippe Mendez jiġi maħtur bħala Konsulent Militari għall-EUSR.

(5) Konformement ma' l-Artikolu 4 ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK, il-Kunsill awtorizza l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) sabiex jaħtar Konsulent Militari għall-EUSR.

(6) Konformement ma' l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fit-tfassil u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Kurunell Philippe Mendez huwa b'dan maħtur Konsulent Militari għall-EUSR għas-Sudan.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar id-29 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kumitat Politiku u Ta' Sigurtà*

*Il-President*

J. KING

[1] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46.
[2] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 43.